**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 20 t' Ottubru, 2017**

**Talba Nru: 331/2017PM1**

**Silvio u Vincenza konjugi Grech (ID Nru. 482462(M) u 362863(M)) ezercenti l-kummerc bl-isem ta' Silvio's Chairs**

**Vs**

**MKIC Limited (C56106)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Lulju, 2017 illi permezz tieghu l-atturi talbu li t-Tribunal jiddikjara li s-socjeta` intimata ghandha thallas lill-atturi s-somma ta' tlett elef, erba' mija u tlettax-il euro u erbgha u sebghin centezmu (€3413.74) rapprezentanti servizzi ta' kiri ta' siggijiet, imejjed u umbrelel rezi lis-socjeta` intimata fuq struzzjonijiet u inkarigu taghha mill-mittenti skont il-fatturi annessi mal-avviz u immarkati Dok S1 sa S5 mal-ittra ufficjali numru 961/17; bl-ispejjez tal-prezenti inkluzi

dawk tal-ittra ufficjali numru 961/17 u tal-mandat ta' sekwestru numru 832/17 u bl-imghax legali mid-data ta' kull fatuura sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li s-socjeta` intimata naqset milli tipprezenta r-risposta taghha entro t-terminu stipulat fil-ligi.

Ra li s-socjeta` intimata ma attendietx ghas-seduta tas-16 t'Ottubru, 2017 u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-lum tramite r-rapprezentanti taghha.

Sema' x-xhieda tal-atturi u tax-xhieda minnhom imressqin.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal sema' l-verzjoni moghtija mill-attur Silvio Grech fis-seduta tas-16 t'Ottubru, 2017 li kkonferma l-ammont mitlub permezz tal-kawza odjerna u kif ukoll li, wara li giet intavolata l-azzjoni odjerna, ma sar ebda pagament mis-socjeta` intimata, dan minkejja diversi weghdiet f'dan ir-rigward. Huwa spjega li s-somma mitluba tirrigwardja prezz ta' servizz ta' kiri ta' siggijiet, imwejjed u umbrelel rezi lis-socjeta` intimata fuq struzzjonijiet u inkarigu taghha f'diversi avvenimenti, dana kif jirrizulta wkoll mid-dokumenti annessi mal-avviz u mmarkati Dok. S1 sa Dok S5. F'dan ir-rigward gew ezebiti wkoll delivery notes (Dok. GMD1-GMD4).

Illi t-Tribunal sema' wkoll ix-xhieda ta' Gunther Micallef Decesare u ta' Eric Bartoli li wkoll ikkonfermaw is-servizzi rezi mill-attur lis-socjeta` intimata sakemm dawn kienu jirrigwardjaw id-Deliver Notes iffirmati minn Eric Bartoli. Huma kkonfermaw ukoll li s-servizzi gew rezi mill-attur a beneficcju tas-socjeta` intimata li kienet tenuta thallas ghall-istess.

Illi jirrizulta car li n-negozju kien wiehed ta' natura kummercjali rez lis-socjeta` intimata li hija wahda kummercjali fl-ambitu tal-attivitajiet kummercjali taghha.

Illi tenut kont tal-fatt li a tenur tal-art. 9 tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta il-proceduri odjerni ghandhom jinstemghu sommarjament u sa fejn huwa possibbli jigu decizi f'seduta wahda.

Illi tenut kont li s-socjeta` intimata la ressqet ebda risposta ghat-talba attrici u lanqas ma dehru r-rapprezentanti taghha sabiex jikkontestaw it-talba odjerna u lanqas ma tressqet ebda gustifikazzjoni ghal tali nuqqas u dana minkejja li jirrizulta mill-atti li giet debitament notifikata fil-31 t'Awwissu, 2017.

Illi skont l-art. 13 tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta il-kawza tista' tigi deciza ukoll fin-nuqqas tal-konvenut.

It-Tribunal isib li t-talba odjerna konfermata bil-gurament hija veritiera u timmerita li tigi akkolta bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba stante li jirrizulta li l-obbligazzjoni mertu tal-kawza odjerna hija wahda kummercjali.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess atturi is-somma ta' tlett elef, erba' mija u tlettax-il euro u erbgha u sebghin centezmi (€3413.74) bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 961/17 u tal-mandat ta' sekwestru numru 832/17 u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**